MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2003

Citazzjoni Numru. 1422/2002

**Awtorita' Marittima ta' Malta**
**Vs**
**Il-Kaptan Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy ghan-nom u in rapprezentanza tal-bastiment Marwa M, u ghan-nom u in rapprezentanza tas-sidien tieghu Mohammed Abullah Hassan, Mohammed Nagi Farag Sarhan u Amazing Sail Navigation u b'digriet tal-Qorti tat-23 ta' Jannar 2003 gie nominat bhala deputati kuraturi Dr. Tonio Azzopardi u PL Victor Bugeja biex jirraprezentaw lil assenti Kaptan Khaled Mohammed Elsayed Elbellasy.**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-aturi, wara li **ppremettew**:

Illi l-Kaptan Khaled Mohammed El Bellasy huwa l-kaptan tal-bastiment MV Marwa M, liema bastiment huwa bhalissa sorgut fil-Port il-Kbir ta’ Malta;

Illi l-bastiment konvenut ilu f’Malta mill-25 ta’ Novembru 2001, meta dahal fl-ibhra Maltija bi ksur tar-Regolament dwar il-Portijiet ta’ 1966 u ta’ l-Att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta;

Illi kif jidher mid-dokument hawn anness bhala Dok “A”, l-Awtorita’ attrici hija kreditrici tal-konvenuti ghas-somma ta’ tnax-il elf, hames mija u erbgha u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (LM 12, 594.42), dovuti *port dues*, drittijiet u spejjez ohra sofferti mill-attrici mid-data fuq imsemmija.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta’ l-artiklu 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzjoni Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut u li fil-fehma ta’ l-Awtorita’ attrici, l-konvenuti m’ghandhomx eccezzjonijiet x’jaghtu kontra l-hlas ta’ l-imsemmi ammont, u Charles Abela in rapprezentanza ta’ l-Awtorita’ attrici qieghed jannetti affidavit immarkat Dok “C” a tenur ta’ l-istess Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Talab** ghalhekk il-konvenuti ghaliex il-Qorti m’ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili;
2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ tnax-il elf, hames mija u erbgha u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm 12, 594.42), dovuta lill-Awtorita’ attrici bhala *port dues*, drittijiet u spejjez ohra.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 07 t’Ottubru 2002u bl-imghax legali sal-pagament effettiv kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit ta’ Charles Abela ghal-awtorita’ attrici u d-dokumenti l-ohra.

Rat li l-konvenuti debitament notifikat fiz-zmien preskritt mill-ligi baqa' kontumaci u msejjah tlett darbiet lanqas ma deher.

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet provi bil-gurament;

Ikkonsidrat:

Illi mill-affidavit ta' Charles Abela jirrizulta illi l-konvenuti huma debituri ta' l-Awtorita' attrici ghas-somma ta' tnax-il elf, hames mija u erbgha u disghin lira Maltija u tnejn u erbghin centezmu (Lm 12,594.42) dovuta lilha bhala *port dues*, drittijiet u spejjez ohra sofferti minnha mid-data tal-25 ta' Novembru 2001, wara li l-bastiment intimat Marwa M dahal fl-ibhra Maltin bi ksur tar-Regolamenti dwar il-Portijiet ta' l-1966 u ta' l-Att dwar l-Awtorita' Marittima ta' Malta.

Illi fl-udjenza tallum xehed Ian Muniti li kkonferma li l-ammont pretez mill-awtorita' attrici ghadu dovut fl-intier tieghu mis-socjeta' konvenuta.

Ghaldaqstant it-talba kif dedotta fic-citazzjoni hija gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fic-citazzjoni, bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra is-socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------